MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 365/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Dalli**
**Anthony Caruana**
**Francis Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Dalli, Anthony Caruana u Francis Agius talli fil-Gudja bejn il-5 ta’ Ottubru 2002 u s-6 ta’ Ottubru 2002 bejn il-11.30 p.m. u 2.00 a.m., bhala s-Segretarju u l-President tal-Kazin La Stella, Gudja, gallura l-organizzaturi tal-festi ta’ barra, u Francis Agius bhala l-persuna li f’isimha hargu l-permessi tal-Pulizija biex jinharaq in-nar tal-art fil-Gudja, harqu jew ippermettew li jinharaq nar (suffarelli, stoppini, u kandelli rumani) minn

go trakkijiet ipparkjati fi Triq Bir Miftuh minghajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Ottubru 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Carmelo Dalli, Anthony Caruana u Francis Agius hatja u, wara li rat l-artikoli 24 u 6(1) u 27 ta’ l-Ordinanza dwar l_Isplussivi, Kap. 33 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannathom mitejn liri Maltin (Lm200) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmijin Carmelo Dalli, Anthony Caruana u Francis Agiusipprezentat fit-22 ta’ Ottubru 2007 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberahom in kwantu sabithom hajta u kkundannathom ghal multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200), u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u applikazzjoni hazina tal-ligi; (2) Bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena hi eccessiva.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti jghidu li l-ewwel Qorti estendiet b’akrobazija legali l-principju tar-responsabbilta` vikarja sa grad li jirrazenta l-impossibbli. Kif qatt jista’ jkun, jistaqsu l-appellanti, li l-ligi trid li kull nar li jinharaq, anke illegalment, minn kull post fi kwalsiasi parti tar-rahal, ikun responsabbilta` ta’ l-ufficjali tal-Kumitat? Jghidu li l-ewwel Qorti skartat il-principju *nemo ad impossibilia tenetur* ghax hadd mill-appellanti ma kien jaf u lanqas qatt ma seta’ jkun jaf li kien hemm nar qed jinharaq minn fuq trakk ipparkeggjat fi triq li hija ferm ‘il boghod minn fejn kienu huma. Jghidu li Triq Bir Miftuh hi twila ferm u tonsa ‘il

boghod mill-kazin u mill-pjazza tal-Gudja. Ebda wiehed mit-trakkijiet imsemmija li kienu fi Triq Bir Miftuh la kienu tal-kazin u lanqas ta’ l-appellanti. Ebda wiehed minhom ma kien fil-vicinanzi tat-trakkijiet u ta’ Bir Miftuh. Allura b’liema akrobazija legali, isaqsu l-appellanti, xi hadd jista’ jghid li jgorru responsabbilta` kriminali ghal dak li xi whud ghamlu ad insaputa taghhom? L-appellanti jikkunsidraw bhala ingust li l-ewwel Qorti tista’ tghid li qalet li kull ma jigri fir-rahal matul il-gimgha tal-festa u li jkun jikser il-ligi, iridu jwiegbu ghalih jew l-ufficjali tal-kumitat tal-kazin inkella dak li fuqu ghandu l-permess tan-nar tal-festa.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, mill-provi jirrizulta li waqt il-hruq tan-nar ta’ l-art (giggifogu) fil-lejl ta’ bejn il-5 t s-6 ta’ Ottubru 2002, persuni li ma gewx identifikati mill-Pulizija – u mill-provi jirrizulta li ma sar l-ebda tentattiv biex jigu identifikati – harqu stoppini minn fuq trakk minghajr ma kein hemm permess biex jaghmlu dan.

**Is-Supt. Angelo Baldacchino** xehed li meta mar jiccekkja sab li kien hemm kaxxa armata got-trakk u meta tixghelha l-istoppini jibqghu telghin. Ma kinux qeghdin jigu sparati wiehed wiehed. Mistoqsi in kontro-ezami dwar ta’ min kien it-trakk jew trakkijiet, u cioe` li ma kinux ta’ xi wiehed mill-appellanti, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf kienx proprjeta` ta’ xi wiehed minnhom. Qal li hu m’ghamilx investigazzjoni ghax ma kellux ghalfejn peress illi johrog permess fuq Frans Agius u kull ma jigri responsabbli hu. Dwar l-appellanti qal li kollha kienu qed jaraw in-nar.

**L-Ispettur Joseph Agius** xehed li lejlet il-festa kien hemm il-giggifogu u minn got-triq minn fuq containers tellghu Roman candles. Dan kien minn gon-nies u ftit metri boghod mill-parapetti. Qal li anke tellghu xi nirien minn mal-grounjd tal-football tal-Gudja meta tlett ijiem qabel kien wissihom biex ma jtellghux nar minn hemm. Xorta tellghu u saret hsara lill-ground wara li marru that il-hajt ezatt. Huwa esebixxa xi ritratti tal-hsarat. Mistoqsi in kontro-ezami jafx li kien hgemm permess biex jinharaq in-nbar minn fejn il-gfround tal-football, wiuegeb li ma gietx osservata d-distanza.

**P.S. 918** ikkonferma li nharqu xi stoppini minn gol-pjazza stess minn fuq xi trakk. Kien ma' l-Ispettur Agius u marru jkellmuhom. Qal li l-Ispettur kien qallhom li l-permess kien sal-hdax u huma qalulu “Mhux ahna” u bdew igibu l-iskuzi u jillitikaw mieghu u qalulu “in-nar li ghandna jrid jinharaq.” In kontro-ezami gie mistoqsi huma min huma u wiegeb li l-Ispettur kellem lil Anthony Caruana fuq in-nar li kien qed jinharaq wara l-hin u dan wiegeb lill-Ispettur biex ma jaqbadx maghhom u jhallihom jaghmlu l-festa bil-kwiet. Dwar il-posizzjoni tat-trakk iccara li kien fit-triq ta’ wara l-gnien.

**L-appellant Carmelo Dalli** xehed li fil-lejl in kwistjoni la kien prezenti u lanqas haraq nar u jidhirlu li kien id-dar li tinsab xi hamsin metru minn fejn kien qed jinharaq in-nar. Dwar in-nar li nharaq huwa kien jaf dak li kienu applikaw ghalih u dik kienet l-ewwel sena tieghu bhala segretarju. Qal li assolutament ma kienx jaf b’l1 kien qed jigri u hadd ma gibidlu l-attenzjoni. Il-permess inhareg ghall-hruq tan-nar ta’ l-art minn ma’ genb l-iskola. In kontroezami qal li l-applikazzjoni tigi ffirmata mil-*licensee* u minnu bhala segretarju. Mistoqsi jafx li fuq il-permess kien hemm indikat specifiku minn fejn ha jtellghu n-nar u x’se jaghmlu, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jafx kienx hemm fuq il-permess li kien ha jittella’ loghob tan-nar ta’ l-ajru mill-pjazza fejn kien qed isir il-gigifogu, wiegeb li l-giggifogu ma sarx mill-pjazza. Matul il-gurnata mar fuq il-post u hu ma jifhimx fin-nar allura ma jaghmilx distinzjoni bejn haga u ohra. Kien hemm gegwigija ta’ nies, kulhadd jahdem il-gurnata kollha. Kieku qalulu li se jtellghu nar ma kienx ihallihom zgur.

**L-appellant Anthony Caruana** xehed li dwar dan il-kaz ma kien jaf xejn u hu aktar ikun impenjat fil-knisja. Dakinhar meta spiccat il-banda mar jara n-nar ta’ l-art jinharaq. Mistoqsi giex infurmat li kien qed isir hruq tan-nar mhux fil-post indikat mill-Pulizija wiegeb “Le qatt le le”. Il-hruq tan-nar kellu jsir minn ma’ genb l-iskola, Gnien Raymond Caruana. In kontroezami qal li la l-Ispettur u lanqas xi Pulizija ma qalulu xejn dwar nar minn fuq il-kazin u lanqas dwar xi nar li kien qed jittella’ mill-Gnien

Raymond Catruana. Sar jaf li kien inharaq xi nar illegalment meta rcieva c-citazzjoni. Wara twissija mill-Qorti u diversi mistoqsijiet jiftakarx li kienu kellmuh il-Pulizija, baqa’ jinsisti li ma jiftakarx. Minn diversi mistoqsijiet li saru lill-appellant huwa evidenti li dak li gie akkuzat bih dwar hruq tan-nar minn fuq il-kazin fis-7 ta’ Ottubru beda jigi attribwit ghal-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Ottubru. Konsegwentement saru sensiela ta’ mistoqsijiet ghal kollox irrilevanti.

**L-appellant Francis Agius**, il-*licensee* tal-kamra tan-nar, xehed li fil-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Ottubru l-aktar li kien l-ghalqa ghan-nar ta’ l-ajru u f’xil-11.30 p.m. mar jara n-nar ta’ l-art. Hadd mill-Pulizija ma qallu li kien ghaddej x ihaga fuq ilk-bejt tal-kazin. In kontro-ezami qal li qatt ma applikaw ghal murtali tax-xokkijiet minn fuq il-kazin u mhux suppost li jittellghu (hadd mix-xhieda ma kien allega li ttellghu murtali minn fuq il-bejt). Mistoqsi rax murtali ta’ l-art telghin mill-gnien meta kien hemm il-giggifogu qal li rahom telghin minn fuq trakk, wisa’ ta’ trakk mill-eqreb residenza. Dawn kienu stoppini u hu ma kienx applika ghalihom. In kontroezami qal li min ghamilhom ma kienx jaf bihom. Hu ma kienx jaghti permess ghalihom. Hu kien responsabbli minn Gnien Raymond Caruana u St.Mark’s Street. Min jaghmel barra minn dawk it-toroq ma kienx responsabbli.. Kien rahom jippreparaw xi haga izda ma nfurmax lill-Pulizija ghax fil-festa jkun hemm hafna panic u hu ma kellux kontroll fuqhom. Kien hu li applika ghal permess.

L-appellanti gew akkuzati li harqu jew ippermettew li jinharaq nar minn go trakkijiet ipparkjati fi Triq Bir Miftuh minghajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija. Kif diga` gie osservat saru diversi mistoqsijiet rigward murtali mtellghin minn fuq il-kazin meta hadd mix-xhieda ma semma’ li ttellghu murtali minn fuq il-kazin fil-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Ottubru 2002. U ghalkemm l-appellanti gew akkuzati li harqu jew ippermettew li jinharaq nar minn fuq “trakkijiet”, hadd mix-xhieda ma semma “trakkijiet”. Is-Supt. Baldacchino u P.S. 918 semmghu “trakk”, l-Ispettur Agius semma “containers” u l-appellant Frans Agius semma “trakk”. Izda hadd mix-xhieda ma qal li ra lill-

appellanti jaharqu n-nar huma. Dwar jekk ippermettewx jew le, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li ma ngabet l-ebda prova li l-appellanti Dalli u Caruana ppermettew li jsir tali hruq u ghalkemm jista' jinghad li l-appellant Agius induna b'dak li kien qieghed isir, ma jirrizultax li n-nar li nharaq minn fuq it-trakk kien provdut minnu. Difatti l-Pulizija ma ghamlu l-ebda tentattiv biex jaraw ta' min kien it-trakk – haga li facilment setghu jaghmlu – u lanqas biex jaraw min kienet il-persuna jew min kienu l-persuni li harqu n-nar imsemmi. Minflok, assumew li ladarba kien hemm permess favur persuna jew persuni biex jinharaq in-nar, kienu huma wkoll responsabbli ghal kull forma ta' nar li seta' nharaq f'kull parti tar-rahal.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u minnha tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------